# L-ewwel bijografija fuq il-Kanonku Fortunato Panzavecchia (1797-1850)

## 'Il-Kanonku Fortunato Panzavecchia 1797-1850 – Raġel ta' Kultura u Qaddej tal-Patrija' – David Agius Muscat – 360 paġna – Pubblikazzjoni Horizons 2019

Bis-saħħa tal-ħidma tar-riċekatur David Agius Muscat, l-istudjużi issa għandhom f'idejhom studju li jiswa mitqlu deheb għal kemm fih tagħrif mhux biss fuq min kien u x'għamel il-Kanonku Fortunato Panzavecchia – wieħed mil-letterati ewlenin u minsija ta' pajjiżna tal-ewwel nofs tas-seklu 19 – imma wkoll għal kif kienet is-soċjetà Maltija ta' pajjiżna ta' dak iż-żmien.

L-awtur għamel hekk billi stħarreġ il-manuskritti kollha ta' Panzavecchia – mal-40,000 paġna (in-numru 200,000 f'paġna xxxii huwa żball ġenwin). Dawn il-manuskritti jinsabu fil-*Fondo Panzavecchia* fl-Arkivju tal-Katidral ta' Malta, l-Imdina.

Barra r-rikkezza tal-materjal mislut mill-manuskritti, Agius Muscat stħarreġ ukoll bosta ġurnali rari li jinsabu Malta u barra. Ir-riżultat aħħari huwa ktieb ta' 360 paġna li jipprovdi lill-qarrej minjiera ta' tagħrif fuq l-istorja ta' lsienna, is-sitwazzjoni edukattiva ta' gżiritna tal-ewwel nofs tas-seklu, u wkoll għadd ta' intuwizzjonijiet oħra li jfissru l-qagħda storika u kulturali ta' dak iż-żmien.

Fortunato Panzavecchia, qarib il-Mons. Ignazio Panzavecchia, li kien il-fundatur tal-Partit Nazzjonalista, kien bnieden eklettiku: kien qassis, avukat, kittieb u wkoll edukatur ewlieni.

Fl-1834 l-Ingliżi ħatruh il-President tal-Iskejjel Normali tal-Kottonera u kien il-moħħ ewlieni biex titwaqqaf din l-istituzzjoni edukattiva għat-tfal il-foqra tal-inħawi. Għaxar snin wara l-Ingliżi għamluh l-ewwel direttur tal-Iskejjel Primarji tal-Gvern ta' Malta u Għawdex bil-ħsieb li jispezzjonahom u jikteb rapport fuqhom. Fost il-ħidmiet li għamel b'risq l-edukazzjoni popolari tat-tfal Maltin tul dan



Id-disinn fuq il-cover tal-ktieb

iż-żmien hu ppubblika grammatika importanti tal-Malti flimkien ma' diversi kotba għat-tfal. Uħud minnhom ħariġhom bil-Malti u bit-Taljan f'daqqa.

F'dan iż-żmien ukoll, Panzavecchia kien ħejja abbozz ta' ktieb tal-ġeometrija bil-Malti u bit-Taljan u li Agius Muscat jagħtina r-referenza ta' dan il-manuskritt uniku.

L-interessi ta' Panzavecchia kienu jmorru lil hinn minn dawk marbutin mat-tagħlim biss. Fil-manuskritti tiegħu bl-isem 'Dizionario Enciclipedico' huwa ġabar f'ordni alfabetika informazzjoni li hu kien iħoss importanti. Insibu tagħrif fuq Malta u madwarha u tagħrif ukoll fuqu nnifsu u fuq ħbiebu. Barra dan Agius Muscat jirreferina għal qwiel, aneddoti, ċajt u għanjiet antiki bil-Malti li Panzavecchia kien jaf jew li ġabar mingħand in-nies.

Barra għadd ta' poeżiji bit-Taljan, in-noti awtobijografiċi tiegħu joħorġu l-aspett uman (u fallibbli!) ta' raġel letterat. Waqt li faħħar nies li kien jistħoqqilhom it-tifħir tiegħu, huwa għamel lista ta' dawk li rahom aktar bħala għedewwa tiegħu. Hija biss b'kumbinazzjoni li dawk li hu kien l-aktar iqishom bħala ħbieb ma kinux kollegi reliġjużi?

Il-kollezzjoni tal-manuskritti ta' Panzavecchia hija importanti wkoll minħabba li titfa' dawl fuq l-istorja tal-ġurnali Maltin tal-bidu. Il-ktieb ta' Agius Muscat jurina li l-uniċi żewġ kopji ta' wieħed mill-eqdem ġurnali Maltin, *Brighella* (1838), jinsabu barra minn Malta – wieħed fl-Arkivju Sigriet tal-Vatikan u l-ieħor fil-British Library (il-kopji li kienu l-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta sparixxew!).


L-unika xbieha li nafu biha tal-Kanonku Fortunato Panzavecchia

Jgħidilna wkoll li dan il-ġurnal ma kienx xogħol Dun Ġużepp Zammit, imlaqqam Brighella, hekk kif kienu jaħsbu r-riċerkaturi sal-lum, imma kien xogħol Panzavecchia. L-awtur jirreferina għall-verżjonijiet manuskritti ta' dawn iż-żewġ kopji miktubin minn idejn Panzavecchia.

Fil-fatt Panzavecchia kien beda jikteb il-ġurnali qabel ma l-ġurnali kienu qed jiġu ppubblikati regolarment. L-ewwel żewġ ġurnali magħrufa tiegħu, li jeżistu biss bħala manuskritti, huma *Il Gazzettiere* u *Il Notiziere* – l-ewwel wieħed miktub fl-1819 u magħmul l-aktar minn aħbarijiet internazzjonali meħudin minn ġurnali barranin, u t-tieni wieħed miktub bejn l-1830 u l-1834 u magħmul l-iktar minn artikli fuq avvenimenti barranin u Maltin u wkoll xi bijografiji ta' nies Maltin, fosthom Giorgio Fiteni, Cleardo Naudi, Vincenzo de Domenico u Federico Muscat.

Barra l-ġurnali li ħareġ jew li kkontribwixxa fihom, fosthom *Lo Spettatore Imparziale* (1838, l-ewwel ġurnal politiku Malti qabel il-libertà tal-istampa), u *L'Omnibus di Malta* (1845), Panzavecchia kien ukoll l-awtur ta' ktieb importanti fuq l-istorja ta' pajjiżna, *L'Ultimo Periodo della Storia di Malta sotto il Governo Gerosolimitano* (1835), pubblikazzjonijiet ta' bixra legali u oħrajn fuq il-Malti.

Ix-xogħol ta' Agius Muscat jitqies bħala kontribuzzjoni importanti fil-qasam tal-istudji marbutin ma' pajjiżna u għandu jitqies bħala wieħed 'obbligatorju' għall-kolletturi kollha tal-Melitensia.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' pubblikazzjonijiet rari Maltin li l-awtur jirreferi għalihom, huwa jirringrazzja fost l-oħrajn l-għajnuna tal-Prof. William Zammit u ta' Dr Albert Ganado. L-istudjużi tal-Melitensia huma dejjem rikonoxxenti lejn il-ġenerożità tagħhom biex huma jkunu jistgħu jaċċessaw materjal uniku miżmum fil-kollezzjonijiet privati tagħhom.

> Ix-xogħol ta' Agius Muscat jitqies bħala kontribuzzjoni importanti fil-qasam tal-istudji marbutin ma' pajjiżna u għandu jitqies bħala wieħed 'obbligatorju' għall-kolletturi kollha tal-Melitensia